



Guido Lanfranco

# Il-Qniepen f'xi Leġġendi Maltin

Leġġenda mhix ħrafa. Ħrafa tkun storja twila kollha kemm hi fantasija u ġrajjiet li qatt ma jistgħu jkunu veri, imma nieħdu gost biha u tista' tinfirex ma' bosta artijiet. Leġġenda hija dejjem qasira għax hija biss għajdut popolari biex ifisser xi ħaġa li teżisti jew kienet teżisti jew ġrat u l-ħaġa tista' tkun persuna magħrufa, oġġett, annimal, ħofra, għolja, għar, blata u kull ħaġa oħra, u ma jkunx hemm storja twila fiha. Ladarba t-tifsira titnissel f'ħalq il-poplu tibqa' tiġi ripetuta, spiss b'xi tibdil, minn ġenerazzjoni għall-oħra, u b'hekk, il-ħaġa ngħidu li tkun saret leġġendarja. Imma t-tifsira tal-ħaġa jew leġġenda, ukoll jekk is-suġġett kien jew għadu jeżisti jew ġara tassew, tkun dejjem tal-post, qasira u tista' tkun kemm fantastika kif ukoll verità. Dwar il-leġġendi ma noqogħdux nistaqsu humiex veri jew le; jistgħu ikunu verità, nofs verità jew għal kollox fantastiċi. Ngħidu biss li l-leġġendi huma tifsira popolari ta' xi ħaġa li kienet jew għadha teżisti u napprezzawha bħala parti mill-kultura tagħna.

Għalhekk, meta ngħidu leġġenda, l-ewwel insemmu dak li nafu bħala fatt u l-post fejn kienet jew tinstab, imbagħad ngħidu t-tifsira popolari jew il-leġġenda tagħha. F'din il-kitba se nfakkru ftit leġġendi Maltin u Għawdxin li fihom jidħlu l-qniepen.

## Fejqan f'Tal-Ħerba (Birkirkara)

*Il-fatti:* F'Birkirkara tinstab il-knisja magħrufa bħala Tal-Ħerba, iżda dik li hemm issa mhix il-knisja l-oriġinali. Tal-Ħerba kienet knisja ċkejkna antika u fl-1673 bnew quddiemha biċċa akbar. L-antika issa hija is-sagristija u ż-żieda ħadet it-titular tan-Nativitá tal-Madonna. Il-faċċata u l-kampnar inbnew fl-1797.

*Il-leġġenda:* Raġel kellu mankament serju u kellu jimxi bil-krozzi. Darba kien għaddej qrib il-knisja Tal-Ħerba u sema' l-qanpiena ddoqq. Daħal fil-knisja, ħares lejn it-titular (issa hemm ieħor minflok dak ta' dakinhar) u baqa' hemm jitlob. F'daqqa waħda ħass li jista' jneħħi l-krozzi u jieqaf fuq saqajh u għajjat "Miraklu!" għax beda jimxi.

## Il-qanpiena li daqqet waħedha (Tal-Ħerba, Birkirkara)

*Il-fatti:* (l-istess kif spjegat hawn fuq fil-leġġenda tal-fejqan)

*Il-Leġġenda:* Mal-lejl daħal raġel fil-knisja biex jisraq xi ġojjelli minn max-xbiha tal-Madonna. Kif se jaqbadhom ibbisitlu idu u baqa' mwaħħal fuq il-post. Jingħad li dak il-ħin bdiet iddoqq il-qanpiena tal-knisja mingħajr ħadd ma jmissha, bħallikieku allarm. Ġew in-nies u qabdu lill-ħalliel fil-fatt.

## Deheb fil-qanpiena (Katidral, Għawdex)

*Il-fatti:* Qabel ma saret kattidral, il-knisja ta' l-Assunta fiċ-Ċittadella t'Għawdex kienet magħrufa bħal l-Matriċi. Dik li tidher issa bdew jibnuha mill-1697 u lestewha fl-1711. Waslu biex jagħmlu t-tliet qniepen li kellhom bżonn u, bħalma kien isir kultant, biex jiffrankaw id-diffikultajiet tat-trasport, iddeċidew li l-funditur jaħdimhom ħdejn l-istess knisja.

*Il-leġġenda:* Il-qanpiena l-kbira u l-mezzana tlestew mingħajr taħbit u t-ton ġie ppruvat li kien tajjeb. Iż-żgħira jidher li ma ħarġetx tajba fil-leħen u l-funditur kellu jerġa' jdewwibha biex jaħdimha mill-ġdid. Kien riesaq il-lejl u l-bronż kien għadu fuq in-nar. F'daqqa waħda dehret mara sbejħa ħdejn il-kaldarun iżżomm it-truf tal-fardal li kien

mimli frak tad-deheb. Telqet id-deheb fit-taħlita tal-kaldarun u għebet; Il-qanpiena ħarġet mill-ewwel iddoqq b'leħen ħelu u perfett.

## Il-qanpiena tal-quddiesa (Santa Marta, Rabat, Għawdex)

*Il-fatti:* Fil-limiti ta' Victoria jew tar-Rabat t'Għawdex hemm knisja ta' Santa Marta magħrufa wkoll b'"Ta' l-Għonq". Fl-1865 kien hemm epidemja tal-kolera u din il-knisja bnewha fl-1866 bħala wegħda dawk li skansaw il-marda u qribha sar ċimiterju għall-vittmi ta' l-istess epidemja. F'Novembru jbierku ċ-ċimiterju u jsir il-quddies għar-ruħ il-vittmi. Kienu saru żewġ qniepen għall-knisja minn Salvu Cauchi.

*Il-leġġenda:* Is-sagristan ta' din il-knisja, malli jisma' l-qanpiena tal-ħamsa ta' filgħodu, kien imur jiftaħ u jgħin fil-quddiesa. Darba minnhom sema' l-qanpiena, sab li l-arloġġ tiegħu se jimmarka l-ħamsa u ħareġ lejn il-knisja. Sab il-bieb tal-knisja mbexxaq u qassis li qatt ma kien ra qabel ħiereġ iqaddes. Mar jgħinu, imma wara l-quddiesa l-qassis sparixxa għal kollox. Meta mar lura d-dar is-sagristan stagħġeb mhux ftit għax sab li l-arloġġ tiegħu kien qed juri li kienu għadhom is-saghtejn ta' bil-lejl!

## Il-qniepen tal-mewt u t-tfajla ta' Żammitellu (L-Imġarr, Malta)

*Il-fatti:* Il-kastell ta' Żammitellu nbena kmieni fis-seklu dsatax bħala residenza tas-sajf tal-familja Piscopo Manduca Macedonia Zammit. Maż-żmien intuża mill-militar fil-gwerra u wkoll parti minnu ntużat bħala skola u, aktar reċenti bdiet tintuża wkoll għat-tiġijiet u attivitajiet oħra.

*Il-Leġġenda:* It-tfajla tal-familja nobbli riedet issir soru li taħdem fl-isptarijiet. Missierha ma ridhiex tmur soru, anzi sabilha raġel nobbli sinjur biex tiżżewġu. Lestew kollox għat-tieġ, imma dakinhar lit-tfajla ma sabuha mkien. Wara xi jiem ifittxuha qatgħu qalbhom u ddeċidew li mietet u daqqew il-qniepen tal-knisja bħallikieku fil-funeral. Wara xi żmien, missierha kellu viżjoni fejn dehritlu bintu liebsa ta' soru kollha dawl u qaltlu li mietet dak il-ħin waqt li kienet qed iddewwi xi suldati feruti fil-gwerra.

## Il-Qniepen midfuna (Santa Marija ta' Birmiftuħ, Gudja)

*Il-fatti:* Il-knisja ta' Santa Marija ta' Birmiftuħ ilha tissemma' sa mill-antik imma nbniet mill-ġdid diversi drabi tul iż-żminijiet l-aktar għax kemm-il darba ġiet imħarbta fl-invażjonijiet tal-pirati u t-Torok. Minnha ħarġu l-parroċċi ta' Ħal Safi, Ħal Tarxien, Ħal Kirkop, Il-Gudja, l-Imqabba u Ħal Farruġ.

*Il-leġġenda:* Jgħidu li meta darba kienu niżlu l-art il-pirati misilmin in-nies tal-post ġabru flimkien l-oġġetti ta' preġju li kellhom fil-knisja, inklużi l-qniepen u ħbewhom ġo bir (hemm min jgħid li ħbewhom ġo qabar) u għattewhom biex ma jinsterqux mit-Torok. Imma meta għadda ż-żmien ma sabux fejn kienu moħbija u baqgħu ma nstabu qatt. Għandu mnejn li min ħbihom inqabad irsir u ma reġax ġie lura.

## Qanpiena mitlufa (Iż-Żebbuġ, Għawdex)

*Il-fatti:* Minn żmien bikri fiż-Żebbuġ t'Għawdex kien hemm knisja ċkejkna ta' Santa Marija u kellha qanpiena li kienet saret fl-1515. Għawdex sikwit kienu jinżlu l-pirati u t-Torok li, fost ħerba oħra, kienu jħarbtu wkoll il-knejjes ċkejkna li kien hemm u jisirqulhom kulma jsibu. L-aktar attakk magħruf f'Għawdex huwa l-assedju tal-1551 meta tista' tgħid l-abitanti kollha ta' dik il-gżira nqabdu skjavi. Iż-Żebbuġ sar parroċċa fl-1688 meta kien hemm il-knisja żgħira ta' Santa Marija mlaqqma Tal-Mirakli jew Tal-Virtujiet. Fl-1692 bnew oħra akbar bl-antika tifforma parti minnha. Reġgħu kabbruha fl-1942.

*Il-leġġenda:* Meta fl-1551 n-nies taż-Żebbuġ t'Għawdex raw li kien ġej attakk malajr ħbew il-kalċi u l-qanpiena flimkien ma' oġġetti oħra tal-knisja ġewwa bir biex ma jinsterqux mit-Torok. Imma wara żmien ħadd ma seta' jsib fejn kienu moħbijin, aktarx għax min ħbihom spiċċa fil-jasar u ma ġiex aktar lura.

## It-tokki tal-ħdax (San Ġorġ, Rabat, Għawdex)

*Il-fatti:* Bħal fi knejjes oħra, minbarra d-daqq tal-qniepen f'diversi okkażjonijiet u funzjonijiet, f'Għawdex kienu jdoqqu l-qniepen tal-ħin, bħal tat-tmienja ta' filgħodu, ta' nofsinhar, ta' nżul ix-xemx u tas-siegħa lejl jew ta' l-imwiet, minbarra dawk tal-quddies, tal-Ħamis filgħaxija u tal-Ġimgħa fit-tlieta ta' wara nofsinhar. Imma ta' San Ġorġ kellhom ukoll it-tokki tal-ħdax ta' filgħodu li kienu sinjal biex jaħsbulu għall-ħin ta' l-ikel. Minbarra l-ikel tad-djar kienu jippreparaw ukoll il-borma tal-fqar.

*Il-leġġenda:* Kien hemm żewġ bdiewa, wieħed anzjan u l-ieħor żagħżugħ li kienu dejjem jiġġieldu u jagħmlu xi vandaliżmu lil xulxin minħabba li ż-żagħżugħ, għal kull ħaġa li jiġrilu, kien iwaħħal fl-anzjan. Darba ż-żagħżugħ iddeċieda li jkorrih sewwa imma ma sabux għax l-anzjan kellu xi qadja r-Rabat, imma xorta waħda ried isibu u mar ifittxu.

L-anzjan li ma kienx soltu jmur ir-Rabat, meta lesta mill-qadja, sema' t-tokki tal-ħdax. Ħaseb li kienu t-tokki għall-quddiesa u daħal fil-knisja jistennieha toħroġ. Dam jistenna u ma ħarġet xejn. Imma sadattant iż-żagħżugħ kien tela' r-Rabat ifittxu, ra raġel minn wara li ħasbu r-rival tiegħu u fis-saħna tah daqqa ta' sikkina u qatlu. L-anzjan kien fil-knisja dak il-ħin; salva għax sema' t-tokki tal-ħdax.

## Il-qniepen u s-setta tal-lejl (Rabat, Għawdex)

***Il-fatti:*** Kif għedna għal-leġġenda tat-tokki tal-ħdax il-qniepen jibdew il-jum idoqqu bil-ħin mit-tmienja sa ta' l-imwiet. Wara ta' l-imwiet sas-sebħ ma jdoqqu xejn.

***Il-leġġenda:*** F'Għawdex kienu jgħidu li f'dar kbira misterjuża fir-Rabat mal-lejl kienu jiltaqgħu membri ta' xi setta. Dawn kienu jibdlu ħwejjiġhom, jindilku b'xi żejt maġiku u jibdew itiru sa l-Għar tal-Lhud fuq ix-Xlendi. Id-daqq tal-qniepen biss kien l-għedewwa tagħhom; jekk idoqqu l-qniepen u tas-setta jinqabdu għadhom itiru barra mal-lejl, id-daqq jikkunsmalhom saħħithom u ma jkunux jistgħu itiru u jiġġarrfu, għalhekk kienu jerġgħu jgħaġġlu lura qabel it-tokki tas-sebħ.

## Il-qanpiena tal-mutu (Xagħra, Għawdex)

***Il-fatti:*** Fl-1813-1814 f'Malta kien hawn il-pesta qerrieda. Fl-1814 dahlet ix-Xagħra f'Għawdex, imma mhux fi bliet u rħula oħrajn. Is-suldati dawru r-raħal u l-pesta ma nxterdetx aktar. Wara li għaddiet il-pesta dawk li baqgħu ħajjin għamlu wegħda li jibnu niċċa bl-istatwa tal-Madonna tal-Ħniena f'Għajn Lukin, limiti tax-Xagħra.

***Il-leġġenda:*** Din id-darba l-qanpiena li se nsemmu mhix tal-knisja imma ta' l-idejn. Raġel trux u mutu beda jieħu ħsieb jiġbor xi ftit tal-flus mix-Xagħra biex jixtri ż-żejt u jżomm jixgħel kuljum id-dawl quddiem in-niċċa tal-Madonna tal-Ħniena, kif dam jagħmel għal ħafna snin. Billi kien nieqes mill-kliem u mis-smigħ, meta joħroġ jiġbor kien idoqq qanpiena ta' l-idejn biex in-nies ikunu jafu li ġej jiġbor. Sadattant l-istess qanpiena ġieli kienu jużawha xi ommijiet tal-post billi jagħmlu ftit ilma mbierek fiha u biha jisqu tfal morda bħala devozzjoni. Qanpiena ta' l-idejn kienet spiss tintuża kemm f'Malta kif ukoll f'Għawdex bl-istess mod bħala rimedju popolari għall-mard tal-grieżem u dwejjaq ieħor tat-tfal. Fost dawn il-qniepen kien hemm ukoll dik ta' l-erwieħ li kien idoqq min jiġbor għall-quddies tal-mejtin.